**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Daryl Borg]**

**vs**

**Llewwlyn Xerri**

**Kumpilazzjoni Numru: 645/16**

**Illum, 18 ta' Novembru, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Llewwlyn Xerri detentur tal-karta tal-identita` numru 39696M akkuzat talli nhar l-04 ta' Awissu 2016 ghall-habta tat-tlieta ta' waranofsinhar (*15:00Hrs*) mill ATM sitwata il-'Valletta Waterfront', Floriana u dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommetta serq ta' sitt mitt Ewro (€600) ghad-dannu tad-dirigenti tal-BOV u ta' Anthony Paul Fenech u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-

valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan bi ksur tal-Artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera' haġa b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama' jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddieħor, ta' aktar minn hames mitt euro (€500) izda anqas minn hames t'elef euro (€5,000) ghad-dannu tad-dirigenti tal-BOV, Anthony Paul Fenech u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 310 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li bih ta l-kunsens tieghu li dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza senjatament l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu elfejn u sbatax (2017) u fejn huwa kkonferma tali ammissjoni wara li nghata zmien opportun sabiex jahsibha;

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Llewwlyn Xerri hati tal-ewwel (1) akkuza u stante li t-tieni (2) akkuza hija alternattiva ghall-ewwel (1) wahda tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A qed jigu sospizi ghal sena filwaqt li a bazi tal-Artikolu 28G qed tpoggih ukoll taht Ordni ta' Supervizjoni ghall-istess perjodu, liema ordni qed tigi annessa ma' din is-sentenza.

Finalment, il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**